# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 19**

**Rikors numru 178/11 MCH**

**George u Josephine sive Joyce konjugi Sladden**

**v.**

**Grezzju u Rosaria konjugi Magro**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-3 ta' Ottubru 2013 li permezz taghha l-Qorti laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenuti thallas is-somma ta' €24,611.

Ghal ahjar intendiment qed tigi riprodotta dik is-sentenza:

"Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tat-22 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

“Illi l-esponenti huma propretarji ta' raba maghrufa bhala 'Ta' Sandrina' fi Triq San Anard, limiti ta' Haz-Zabbar liema raba tikkomprendi wkoll kamra rurali u vaska.

“Illi l-intimati kienu qed jokkupaw is-suespost indikat ambjenti raba u ghamlu uzu mill-kamra w vaska w izommu taht il-pussess taghhom minghajr ebda titolu validu fil-ligi w kontra r-rieda tal-istess atturi liema haga cahdet lill-esponenti milli igawdu dak li hu legalment taghhom.

“Illi fil-fatt skond sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri[1] tal-5 ta' Gunju, 2009 il-Qorti fl-ismijiet: George u Joyce Sladden vs Grezzju u Rosario Magro Avviz Nru: 215/2005 iddecidiet li fil-fatt l-intimati ma kellhom ebda titolu validu fil-ligi fir-raba inkwistjoni w ghalhekk kellhom jizgombraw mir-raba inkwistjoni fejn anki gew kundannati jhallsu l-ispejjez kollha tal-kaz.

“Illi minhabba dan l-agir verament abuziv da parti tal-konvenuti, l-istess atturi m'hux biss gew imcahdin mit-tgawdija tar-raba inkwistjoni imma sofrew danni minhabba dan l-agir liema haga dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tindirizza fid-dawl tal-kaz.

“Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, jghidu ghalhiex l-konvenuti dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

> “1. prevja li tiddikjara lill-intimati responsabbli ghad-danni naxxenti mill-okkupazzjoni illegali da parti tal-intimati tas-suespost ambjenti w cioe tar-raba maghrufa bhala 'Ta Sandrina' fi Triq San Anard, limiti ta' Haz-Zabbar inkluz l-uzu tal-kamra w l-vaska, tillikwida d-danni okkorrendo permezz ta' periti nominandi ghal dan l-iskop u tikkundanna lill-istess intimati jew min minnhom ihalsu l-istess bl-imghaxijiet legali minn meta dahlu w okkupaw ir-raba sad-data tal-pagament effettiv tad-danni kif kalkolati.

“Bl-ispejjez u imghax legali kif mitlub sad-data tal-pagament effettiv bis-subizzjoni ta' l-istess konvenuti.

“B'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi skond il-ligi.

“Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

> “1. Illi fl-ewwel lok l-inkompetenza rationae valoris ta' din l-Onorabbli Qorti stante li kienu l-Intimati stess li fl-Avviz numru 215/2005SMipprezentat fil-15 ta' April 2005 kienu ddikjaraw li ghall-finijiet ta' kompetenza il-valur lokatizju tal-ghalqa in kwistjoni ma kienx jeccedi erba' euro u sitta u sittin centezmu (€4.66) [ekwivalenti ghall-munita l-qadima ta' zewg Liri Maltin (Lm2)] u ghalhekk l-Intimati ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;

[1] L-Imhallef Philip Sciberras.

“2. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur billi l-intimati m'humiex responsabbli ghall-ebda dannu illi allegatament sofrew ir-Rikorrenti.

“3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti giet irtirata b’verbal tat-2 ta’ Novembru 2011;

“Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi;

“Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**“Ikkunsidrat**

“L-atturi qed jitolbu danni naxxenti minn okkupazzjoni illegali da parti tal-konvenuti ta’ bicca art proprjeta tal-atturi maghrufa bhala ‘Ta Sandrina’ fi Triq San Anard limiti ta’ Haz-Zabbar.

“L-atturi ressqu ftit provi dwar dawn id-danni. Dak li rrizulta lil Qorti hu s-segwenti. Giet esebita fl-atti sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-istess ismijiet tal-5 ta’ Gunju 2009 (fol. 3 et seq. tal-process) fejn il-Qorti ordnat l-izgumbrament tal-konvenuti mill-art in kwistjoni billi kienu qed jiddetjenu l-istess art bla titolu. Dik is-sentenza stabbiliet bhala fatt illi l-konvenut Magro akkwista l-qbiela tal-art b’cessjoni fl-1995 u illi l-atturi xtraw l-art fl-1996. Il-Qorti tal-Appell stabbiliet illi c-cessjoni ta’ qbiela akkwistata mill-konvenuti ma kinitx valida u konsegwentement kienu qed jokkupawha bla titolu. Jidher illi fl-istess sena tas-sentenza l-konvenuti hargu mill-art.

“Saret referenza fl-atti ghal kawza ohra fl-ismijiet inversi numru 145/1999 fejn f’xi zmien bejn l-1996 u 1998 il-konvenuti gew zgumbrati mill-art mill-atturi u in segwitu ghal kawza ta’ spoll mill-konvenuti gew re-integrati fil-pussess tal-art u nghataw kumpens ghat-telf ta’ prodott fil-perjodu. Din il-kawza giet deciza fl-4 ta’ Novembru 2005 u li din il-kawza ma ghandha ebda effett fuq il-kawza prezenti billi l-mertu hu differenti u ma jinfluix fuq dak mitlub f’din il-kawza.

“Id-danni li l-atturi qed jirriklamaw huma elenkati f’nota a fol. 24 tal-process u li huma:

“1. It-telf ta’ profit mill-koltivazzjoni tal-art ghal 13-il sena;

“2. Spejjez legali inkorsi;

“3. Tnehhija ta’ xatba mill-konvenuti.

**“Spejjez legali u tnehhija ta’ xabta**

"Rigward l-ispejjez legali gew esebiti diversi ricevuti pero ma jirreferux esplicitament ghal din il-kawza jew in konnessjoni ma' din il-kawza. In oltre ma jirrizultax jekk l-atturi hux qed jitolbu l-hlas ta' spejjez gudizjarji liema spejjez ikunu koperti b'taxxa tal-Qorti li jikkostitwixxi titolu ezekuttiv. Lanqas ma jirrizulta jekk dawn l-ispejjez humiex spejjez extra-gudizjarji li allura ma humiex pertinent ghal kwistjoni. Del resto mill-atti jirrizulta li kien hemm diversi kawzi bejn il-kontendenti u ghalhekk jispetta lill-atturi li jippruvaw konnessjoni diretta ta' danni pretizi mal-vertenza mertu ta' din il-kawza. Din il-prova ma saritx u ghalhekk din l-allegazzjoni ta' danni ma gietx pruvata b'mod sodisfacenti. Tant hu hekk illi ricevuta a fol. 30 tirreferi ghal drittijiet extra gudizjarji, ricevuta a fol. 40 tirreferi ghal taxxa tal-Qorti f'kawza li tilfu l-atturi cioe dik bin-numru 145/1999, u l-istess ghall-ispejjez tal-mandat fl-istess kawza. Ghalhekk dawn l-ispejjez ma jsibux konnessjoni ma' danni mitluba kif promossi b'din il-kawza.

"In kwantu ghat-tnehhija ta' xatba, ma ngiebet ebda prova a rigward u ghalhekk il-Qorti ser tiskartaha bhala talba.

**"Telf ta' profit mill-koltivazzjoni tal-art**

"Il-Qorti hi perplessa b'din it-talba peress illi t-talba attrici fir-rikors guramentat hi ghal kumpens ghall-okkupazzjoni bla titolu li jsarraf fil-valur lokatizju tal-art in kwistjoni. Hu inkoncepibbli illi l-atturi jitolbu danni a bazi ta' talf ta' qliegh u valur lokatizju fl-istess nifs. Jekk it-talba hi ghal kumpens ghal valur lokatizju wiehed ghandu jipprezumi illi l-atturi qed jikru l-art lil terzi u l-qliegh taghhom hu l-kera. Ma jistghux fl-istess nifs jippretendu l-qliegh tal-koltivazzjoni meta fil-qbiela l-iskop tat-trasferiment b'dan it-titolu hu illi s-sid jiehu l-kirja u l-inkwilin jiehu r-rikavat mill-koltivazzjoni oggett primarju tal-kirja. L-atturi ma jistghux jabbuzaw mid-dritt u jitolbu zewg fonti ta' qliegh li wahda per forza teskludi lil ohra. Billi t-talba primarja tal-atturi fl-att promotur hu l-valur lokatizju mitlub minnhom mindu xtrawha sakemm giet f'idejhom, cioe mill-1996 sal-2009, il-Qorti ser tibbaza l-konsiderazzjonijiet taghha fuq din it-talba u ghalhekk teskludi qliegh mill-koltivazzjoni tal-art billi din semmai ghandha titqies li kienet f'idejn u a vantagg tal-konvenuti.

"Il-perit tekniku mqabbad mill-Qorti ghamel apprezzament dettaljat tal-valur tal-art tul iz-zmien u l-percentwali medju tal-valur lokatizju taghha. Hu wasal ghal konkluzjoni li bejn l-1996 sal-2009 il-valur lokatizju komplessivament kien jammonta ghal €24,611.

"Din il-Qorti ma ghandhiex raguni ghalfejn tiddiskosta ruhha minn dan l-apprezzament tal-perit tekniku. Il-konvenuti pprezentaw 'presentation report' fejn sostnu illi l-valur lokatizju kellu jinhadem b'percentwali ferm anqas minn dak mahdum mill-perit tekniku. Il-perit tekniku irribadixxa illi hu hadem il-valuri tal-proprjeta fuq il-prezzijiet konservattivi tas-suq ghal art agrikola fuq indici tal-Gvern ghal proprjeta residenzjali u tapplika ukoll ghal art agrikola u kieku kellu juza l-'workings' tal-'presentation report' rigward il-percentwali uzat biex jistabilixxi l-valur

lokatizju kien jirrizulta valur lokatizju tant insinifikanti illi ma jaghmilx sens li l-art tinkera.

“Saret ukoll sottomissjoni jekk l-kmamar u vaska fl-art kienux koperti b’permess pero l-perit tekniku avolja xehed illi kieku l-benefikati ma kienux koperti b’permessi l-valur tal-art tonqos b’20% u konsegwentement jonqos proporzjonalment il-valur lokatizju, f’dan il-kaz ma rrizultalux permess online mill-1992 ‘l hawn cioe mill-introduzzjoni tal-tal-MEPA pero zied illi fi zmien il-PAPB cioe mill-1967 sal-1992 dawn il-permessi ma kienux online u ma kienx l-inkarigu tieghu li jaghmel tali ricerka. Zied pero li ma hemm ebda enforcement notices fuq l-art jew il-benefikati. Il-Qorti hi tal-fehma illi kien kompitu tal-konvenut li jgib prova dwar il-benefikati u n-nuqqas ta’ permess u mhux jistrieh fuq prova negattiva. In oltre l-fatt li ma hemm ebda enforcement notices ma jitfa’ ebda dubbju serju fuq il-valutazzjoni li ghamel il-perit tekniku. Ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-valur li wasal ghalih il-perit tekniku hu gust fic-cirkostanzi.

“Il-konvenuti ma gabu ebda prova kontra l-gustifikazzjoni ghal hlas ta’ kumpens ghall-okkupazzjoni taghhom bla ebda titolu tal-art in kwistjoni u din hi l-unika eccezzjoni li saret minnhom cioe li ma irrikorra ebda dannu lill-atturi, u xejn aktar l-okkupazzjoni taghhom li rrizulta bla titolu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri taghti lok ghal hlas ta’ kumpens ghall-okkupazzjoni qua danni sofferti mill-atturi u ghalhekk it-talba attrici hi gustifikata ghall-ammont likwidat mill-perit tekniku.

**“Decide**

“Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghad-danni kawzati ghall-okkupazzjoni bla titolu mill-konvenuti tal-art proprjeta tal-atturi u tillikwida d-danni fis-somma ta’ €24,611. L-imghax jibda jiddekorri mill-prezentata tal-kawza cioe mit-22 ta’ Frar 2011.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.”

Minn din is-sentenza appellaw allura l-konvenuti li talbu r-revoka taghha u l-appellati talbu l-konferma tas-sentenza. L-appellati eccepew illi l-appell huwa dezert peress li huma gew notifikati aktar minn sena wara li gie prezentat l-istess appell. Madankollu llum ’il gurnata, l-Artikolu 963(3) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) jiddisponi illi f’kaz li l-proceduri bil-miktub fl-appell ma

jkunux inghalqu fi zmien sena mill-prezentata tar-rikors tal-appell, din il-Qorti *"ghandha ghal darba wahda biss taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proceduri jinghalqu kemm jista' jkun malajr*" sabiex jigi evitat li l-appell imur dezert. F'dan il-kaz l-appell gie notifikat qabel l-ewwel seduta quddiem din il-Qorti u allura l-appell m'ghandux ikun dikjarat dezert.

Il-Qorti se tiddisponi l-ewwel mill-eccezzjoni illi l-appellanti intavolaw biss fl-appell taghhom u cioe` dik tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 li jghid:

> "2156. L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:
>
> "(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;"

Skont l-Artikolu precedenti (2112), il-preskrizzjoni tista' titqajjem "*f'kull waqt tal-kawza imqar fl-appell.".* Din il-preskrizzjoni ta' hames snin hija applikabbli ghal kaz in ezami (**Helen Schembri v. Anthony Zahra et, Appell 28 ta' Settembru 2012).** Il-Qorti tirreferi wkoll ghal sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Perit Edwin Calleja pro et noe v. Joseph Said et** fejn gie deciz illi *"l-peskrizzjoni applikabbli ghal hlas ghall-okkupazzjoni illegali hija dik stipulata fis-subinciz (f) tal-Artikolu 2156 tal-Kap. 16. Ghalhekk il-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-kaz hija dik ta' hames snin*

*ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16."*. Ghalhekk il-kwistjoni hija meta beda jiddekorri dan il-perjodu.

Fis-sentenza msemmmija tal-31 ta' Ottubru 2003 Prim'Awla fl-ismijiet **Perit Edwin Calleja pro et noe v. Joseph Said et** gie deciz li l-attur f'dik il-kawza ma setax jitlob kumpens jew jaccetta kera sakemm il-proceduri ta' zgumbrament kienu ghadhom pendenti u li l-preskrizzjoni kwinkwennali bdiet tiddekorri mid-data li fiha s-sentenza ta' zgumbrament ghaddiet in gudikat. F'dan il-kuntest l-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 kjarament jiddisponi illi "*l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.".*

Kif jinsab ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet **Diego Attard et nomine - v. - Angelo Fenech, Appell Kummercjali, 15 ta' Frar 1965***, "l-impossibilta` li wiehed jagixxi trid tkun impossibilita` indipendenti mill-volonta` tieghu, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimwovi. Is-semplici injoranza tad-dritt, fiha nfisiha, mhiex impediment ta' din ix-xorta".* Fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet **Paolo Koludrovich - v. - Carmelo Muscat, Appell Kummercjali, 1 ta' Gunju 1959 u Joseph Chircop et - v. - Salvatore Muscat noe, Appell, 28 ta' April 2000**. Dawn il-hsibijiet kollha wiehed isibhom fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Testa v. Alfred Theuma et (Appell Inferjuri, 12 ta' Mejju 2003).** Skont l-insenjament

ta' Giorgi ("Obbligazione" Vol. VIII p594) l'*initium praescriptionis* jibda mill-"*exordium obligationis*", cioe` minn meta l-kreditu jsir esigibbli. **(Testa v. Theuma et, supra).** F'din is-sentenza jinghad ukoll li:

> "Hekk per ezempju jissucciedi fil-kaz fejn l-azzjoni gudizzjarja li tkun qed tigi ezaminata biex jigi stabbilit jekk hemmx preskrizzjoni jew le, tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament gudizzjarju iehor, li sakemm ma jigix pronunzjat, ma jippermettix li l-perkors tal-perijodu preskrittiv jibda u jibqa' miexi. Ara fir-rigward sentenzi fl-ismijiet "**Caterina Gerada et –vs- Dr. Antonio Caruana noe", Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju 1969; "Bartolomeo Xuereb vs- Carmelo Zammit", Appell Kummercjali, 9 ta' Marzu 1994 u "P.L. John Privitera nomine –vs- P.L. Ivo Galea et", Appell, 1 ta' Dicembru, 2000**."

F'dan il-kaz naturalment, l-appellati jaqblu mas-sentenza appellata illi l-azzjoni ghad-danni inkwistjoni twieldet bid-dikjarazzjoni gudizzjarja li l-konvenuti kienu qed jokkupaw l-ghalqa inkwistjoni minghajr titolu u ghalhekk fil-5 ta' Gunju 2009 u allura jargumentaw illi l-preskrizzjoni bdiet ghaddejja minn dakinhar.

Stabbilit, mela, li ghall-azzjoni attrici japplika t-terminu ta' hames snin skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, kif inghad diga` jrid jigi ezaminat minn meta jibda jiddekorri l-perjodu preskrittiv. L-appellanti jissottomettu li l-perjodu preskrittiv jibda jiddekorri mid-data li fih beda javvera ruhu d-dannu. *"Meta talba ghal hlas tad-danni setghet issir, izda ma saritx, f'kawza li decizjoni fuq il-meritu taghha tkun dipendenti dik it-talba, wiehed ma jistax jghid li kien "oggettivament impedut" milli jitlob id-danni ghax kien qed jistenna l-ezitu tal-ewwel kawza."* (**Schembri v. Zahra,**

**28 ta' Settembru 2012 Appell Supra).** Kif jghid **Giorgi** fit-"**Trattato delle Obbligazioni**" (**Vol. viii pag. 444 para. 281**), ikun hemm impediment oggettiv:

> *"… quando l'azione sperimentata tende a constatare un diritto per servire di base ad un altro diritto, il quale non puo` essere frattanto esercitato nemmeno con domanda sussidiaria, o come dicono i curiali, per mezzo di conclusioni subordinati … pero` non basta che il diritti siano incompatibili e l'uno debba risultare quale conseguenza dell altro, se il giudice adito sia competente su entrambi: perche` allora l'attore puo` formulare conclusioni subordinate. Ad esempio, chi domanda l'adempimento di una obligazione "in forma specifica" non e dispensato dal domandare il risarcimento per equipollens col mezzo di conclusioni subordinate."*

F'dan il-kaz, l-atturi setghu facilment ressqu talba sussidjarja ghad-danni ossija kumpens ghall-okkupazzjoni fil-kawza li fethu ghall-izgumbrament, *"u tali domanda kienet tkun konsegwenzjali ghal dik precedenti li l-okkupazzjoni kienet wahda abbuziva."* (**Schembri v. Zahra, supra**). Huwa minnu illi hawnhekk huma applikabbli principji ohra, u dan peress li jezistu sitwazzjonijiet ta' certi impedimenti li jaghmluha impossibli, jew difficli, ghall-ezercizzju tal-azzjoni li tkun, mill-parti. Dan jokkorri, per ezempju, meta l-ammont ta' hsara jiehu tul ta' zmien biex jigi determinat, ghax il-"hsara" tirrepeti ruhha kultant zmien. Ma tistax tinbeda kawza biex fiha jintalab kumpens ghal hsarat li ghadhom ma gewx kristalizzati, u l-ebda zmien ta' preskrizzjoni ma jista' jitqies li jghaddi sakemm, fil-fatt, il-hsara tibqa' tiggrava (ara, per ezempju, il-kaz **Micallef v. Direttur tax-Xoghlijiet, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar 2001).** Din il-Qorti, f'sentenza moghtija fis-26 ta'

Gunju 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Muscat et v. Muscat Scerri et** kienet osservat hekk f'kuntest simili:

> "… … …kif qalet ukoll il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Portelli v. Attard, deciza fl-20 ta' Marzu 1997,** *'meta d-danni ma jigux determinati f'mument wiehed, izda jibqghu javveraw ruhhom tul iz-zmien, b'mod li jista' jinghad li l-hsara qeghdha kontinwament issir, kif jidher li qed jigri f'dan il-kaz, it-terminu ta' preskrizzjoni jkun kontinwament qed jigi "interrot", u dan it-terminu ma jibdiex jghaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf tkompli ssir.'"*

Huwa evidenti illi ghalkemm il-kawza **Schembri v. Zahra** kienet simili ghal dik odjerna, f'uhud mill-kawzi l-ohra d-dannu kien jikkonsisti fi hsarat fil-proprjeta` fejn huwa naturali li l-hsara tkun hafna drabi tipperdura matul il-kawza u allura hija gusta l-konkluzjoni tal-Qorti li l-preskrizzjoni tibda ghaddejja minn meta l-attur fil-kawza jiehu l-pussess u jkun jista' jikkristalizza d-danni. F'kawza bhal dik odjerna, id-danni jibdew ghaddejjin minn meta tibda l-okkupazzjoni illegali u ghalhekk l-attur jista' minghajr xkiel jipprocedi ghal likwidazzjoni u l-hlas anke meta jintavola l-kawza ghal izgombrament, jew ghall-inqas jinterrompi l-preskrizzjoni bil-mod li taghtih il-ligi sakemm ikollu pronunzjament gudizzjarju li l-okkupazzjoni hija fil-fatt illegali.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti u kif din l-istess Qorti qalet fis-sentenza ricenti taghha fl-ismijiet **Grixti v. Micallef** (24 ta' Novembru 2017) l-appellat:

> "… ma gab l-ebda raguni valevoli ta' xi sospensjoni tal-preskrizzjoni jew ta' att interuttiv taghha. Lanqas ta' xi rinunzja ghall-istess preskrizzjoni eccepita. Kif lanqas ma jista' fil-kaz konkret jistrieh fuq l-aforizma *"contra non valentem agere non currit prescriptio"*. Principju li kif akkolt mill-gurisprudenza taghna jaghti lok ghal konservazzjoni tal-jedd kontra l-estinzjoni tal-azzjoni fil-kaz ta' impediment ta' dritt."

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-preskrizzjoni fil-kaz in ezami bdiet ghaddejja minn meta bdiet l-okkupazzjoni illegali fil-konfront tal-appellati u cioe` minn meta huma akkwistaw il-proprjeta` – kwindi mill-1996. Dan ifisser li l-appellati meta hadu l-pussess setghu jitolbu hlas ghall-ahhar hames snin qabel dakinhar. Il-kawza intavolawha fi Frar 2011 u allura sena u ~~tliet xhura~~[2] wara s-sentenza msemmija. Ghalhekk jistghu jigu akkordati danni ghal tliet snin u ~~disa'~~[3] xhur qabel il-5 ta' Gunju 2009 – u dawn skont il-perizja teknika jammontaw ghas-somma ta' €10,797. L-argument tal-appellanti li l-appellati kienu ddikjaraw li l-valur lokatizju tal-ghalqa inkwistjoni kien ta' Lm2 fis-sena fil-kawza ghall-izgombrament ma jistax jittiehed bis-serjeta` ghaliex huwa evidenti li dak il-valur kien iddikjarat ghall-iskop tal-kompetenza kif anke indikat fl-istess avviz promotur tal-kawza.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu parzjalment billi tirriforma s-sentenza appellata u tordna lill-appellant ihallas is-somma

[2] tmien xhur - Kliem mibdul b'digriet tat-23 ta' Marzu 2018
[3] erba' - Kliem mibdul b'digriet tat-23 ta' Marzu 2018

ta' ~~€10,797 (ghaxart elef, seba' mija u sebgha u disghin Euro)~~[4] li qed tigi likwidata minn din il-Qorti bhala danni kawzati mill-okkupazzjoni illegali da parti tal-appellanti, minflok l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti; l-ispejjez tal-Prim Istanza kif gia` decizi minn dik il-Qorti, dawk tal-appell ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

Silvio Camilleri
Prim Imhallef

Tonio Mallia
Imhallef

Joseph Azzopardi
Imhallef

Deputat Registratur
ld

[4] €9,400 (disat elef u erba' mitt Euro) - Kliem mibdul b'digriet tat-23 ta' Marzu 2018